Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

**Brussell, 4 ta' Settembru 2025**
**(OR. en)**

**9257/25**
**COR 2**

**Fajl Interistituzzjonali:**
**2022/0408 (COD)**

**JUSTCIV 101**
**ECOFIN 585**
**COMPET 405**
**JAI 652**
**CODEC 656**

**NOTA**

| | |
|---|---|
| minn: | Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill |
| lil: | Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill |
| Suġġett: | Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li tarmonizza ċerti aspetti tal-liġi dwar l-insolvenza<br>- Approċċ ġenerali |

Fid-dokument ST 9257/25 INIT, fl-Artikolu 2 paragrafu 1 punt (14) il-frażi "il-partijiet relatati mill-qrib għandhom jinkludu b'mod partikolari" kellha tiġi mmarkata bħala mħassra fit-tieni subparagrafu tal-ittra a). L-Artikolu 2 paragrafu 1 punt (14) għandu jaqra kif ġej:

([...]**14**) "parti relatata mill-qrib mad-debitur" tfisser: [...]

[...]

**(a) għall-finijiet tat-Titolu II, dan li ġej:**

(**i**[...])il-konjuġi jew is-sieħeb/sieħba tad-debitur;

(**ii**[...]) l-antenati, id-dixxendenti, u l-aħwa tad-debitur, jew tal-konjuġi jew tas-sieħeb/sieħba **tad-debitur**, u l-konjuġi jew is-sħab ta' daw[...]**k** il-persuni;

(**iii**[...]) persuni li jgħixu fl-unità domestika tad-debitur;

(**iv**[...]) persuni **b'aċċess għal informazzjoni mhux pubblika dwar l-affarijiet tad-debitur,** li [...] **għandhom il-possibbiltà**:

(a) **li jikkontrollaw l-operazzjonijiet tad-debitur, inkluż fejn dawn jaħdmu** għad-debitur taħt kuntratt ta' impjieg **jew huma f'relazzjoni ta' impjieg mad-debitur** [...] jew

(b) **li jibbenefikaw mill-pożizzjoni finanzjarja tad-debitur, bħala [...]** konsulenti **esterni**, kontabilisti **jew awdituri** [...];

(**v**[...]) entitajiet ġuridiċi li fihom id-debitur jew waħda mill-persuni msemmija fil-punti (i) sa (iv) [...] tkun membru tal-korpi amministrattivi, maniġerjali jew superviżorji**,** jew **li** twettaq dmirijiet li jipprevedu aċċess għal informazzjoni mhux pubblika dwar l-affarijiet tad-debitur**;**[...]

Meta d-debitur ikun entità ġuridika [...]:

(**v**i) kwalunkwe membru tal-korpi amministrattivi, maniġerjali jew superviżorji tad-debitur;

(**v**ii) it-titolari ta' ekwità b'interess kontrollanti fid-debitur;

(**v**iii) persuni [...] **li** jwettqu funzjonijiet simili għal dawk imwettqa minn persuni skont il-punt (**v**i);

(**ix**[...])persuni [...] **li** huma relatati mill-qrib skont [...] **il-punti (i) sa (iv)** mal-persuni **msemmija** [...] fil-punti (**v**i), (**v**ii), u (**v**iii) ta' dan is-subparagrafu**;**[...]

**(b) għall-finijiet tat-Titolu IV, il-persuni elenkati taħt il-punt (a) u kwalunkwe persuna oħra, inkluż persuni ġuridiċi, b'aċċess preferenzjali għal informazzjoni mhux pubblika dwar l-affarijiet tad-debitur.**